32003R0045

L 7/60 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 11.1.2003

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 45/2003

## ta' l-10 ta' Jannar 2003

## li jikkoreġi r-Regolament (KEE) Nru 1274/91 li jintroduċi regoli dettaljati biex jiġi implimentat ir-Regolament (KEE) Nru 1907/90 fuq ċerti standards tal-marketing għan-negozju tal-bajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar ċerti standards tal-marketing għan-negozju tal-bajd ([1]), kif mibdul l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 5/2001 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 20(1) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) It-test tal-verżjoni Taljana ta' l-Artikolu 12(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1274/91 ([3]), kif emendat bir-Regolament (KE), hu żbaljat. Il-verżjoni Taljana għandha għalhekk tiġi kkoreġuta.

(2) Skond l-aħħar emenda tar-Regolament (KEE) Nru 1274/91 il-metodi tal-biedja jistgħu jkunu indikati fuq il-bajd kollu u mhux fuq il-bajd ta' Grad "A" biss. Il-verżjoni Svediża għandha għalhekk tiġi kkoreġuta għal din ir-raġuni.

(3) Metodi tal-biedja jistgħu jkunu indikati fuq il-pakketti kollha li fihom il-bajd u mhux fuq il-pakketti żgħar biss. Il-verżjoni Olandiża għandha għalhekk tiġi kkoreġuta għal din ir-raġuni.

(4) Il-kejl imsemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal Laħam ta' Tjur u Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Regolament (KEE) Nru 1274/91 hu kkoreġut kif ġej:

1. għal verżjoni Taljana biss:
   fl-Artikolu 12(4) il-kliem fil-parentesi "(entro un raggio di 20 km dal centro di imballaggio e)" għandu jkun imħassar;
2. għal verżjoni Svediża biss:
   fl-Artikolu 18(1), tielet linja, il-kliem "av klass 'A'" u "sådana" għandhom jiġu mħassra;
3. għal verżjoni Olandiża biss:
   fl-Artikolu 18(1), tieni linja, il-frażi "kleine" għandha tiġi mħassra.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Jannar 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 5.
([2]) ĠU L 2, tal-5.1.2001, p. 1.
([3]) ĠU L 121, tas-16.5.1991, p. 11.